Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 22/2015

**Rita Nicolosi (K.I. 129256M)** **(Appellata)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali (Appellant)**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju, 2016.

## Il-Qorti:

Rat l-appell tal-1 ta' Settembru 2014 li Rita Nicolosi pprezentat quddiem l-arbitru a tenur tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan wara li b'decizjoni tat-13 ta' Awissu 2014, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informaha li rrizultalu li hija thallset zejjed is-somma ta' Eur13,032.56 f'ghajnuna socjali li rceviet minghand id-Dipartiment bejn l-24 ta' Marzu 2012 u l-1 t'Awissu 2014. Fl-appell taghha Nicolosi ammettiet li ma kinitx avzat lid-Dipartiment qabel ma biddlet l-indirizz taghha izda argumentat li m'ghandhiex tirrifondi flus ghaliex kien hemm ragunijiet validi ghal dan, u cioe' li hija kienet qed tigi ppersegwitata u mmolestata minn terzi persuni. Ghalhekk hija ma xtaqitx tizvela l-indirizz taghha. Dwar tali molestji hemm anke proceduri legali pendenti. Nicolosi talbet lill-Arbitru jhassar id-decizjoni tad-Direttur.

Rat ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tas-7 ta' April 2015 quddiem l-arbitru li permezz taghha ssottometta li (i) id-decizjoni tieghu tat-13 ta' Awissu 2014 hija gusta; (ii) Nicolosi, legalment separata, kienet beneficjarja tal-Ghajnuna Socjali sal-1 t'Awissu 2014; (iii) fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, kien irrizulta li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u/jew li tabita fl-indirizz moghti minnha.

Din il-kawza hija konnessa ma' proceduri ohra fl-ismijiet **Rita Nicolosi vs Direttur tas-Sigurta' Socjali, appell numru 23/15**.

Mill-atti ta' dan il-kaz u tal-appell numru 23/15 jirrizulta li:

i. Rita Nicolosi sseparat legalment minn ma' zewgha Giuseppe Nicolosi fil-21 ta' Dicembru 1995. Bi qbil bejniethom huma reciprokatament iddekadew ghad-dritt tal-manteniment u ghar-rigward tal-fond bl-isem "Vita", Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn, kull parti zammet in-nofs indiviz ta' din il-proprjeta';

ii. Fis-7 ta’ Frar 1996 hija gharrfet lid-Dipartiment b’dan il-bdil fic-cirkostanzi taghha u ffirmat dikjarazzjoni li hija giet imwissija biex tgharraf lill-istess Dipartiment b’kull ghamla ta’ tibdil fic-cirkostanzi taghha;

iii. Wara rapport li sar lid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta’ Frodi ta’ Beneficcji, saret investigazzjoni fis-16 ta’ Mejju 2014 mill-ispetturi ta’ dan id-Dipartiment li minnha rrizulta li Nicolosi ma kinitx qed tuza l-indirizz iddikjarat mad-Dipartiment ghal skopijiet ta’ residenza permanenti gewwa Marsaskala[1] u li f’dan l-indirizz kienu qeghdin jabitaw terzi persuni bhala r-residenza ewlenija taghhom;

iv. B’ittra datata 23 ta’ Lulju 2014, id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali kien informa lil Nicolosi li l-applikazzjoni taghha ghall-ghajnuna socjali kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li hija m’ghadhiex aktar intitolata ghal din l-ghajnuna ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt li hija kienet qed tifforma familja ghal rasha, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnha;

v. F’ittra ndirizzata lid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali fil-31 ta’ Lulju 2014, Nicolosi kkonfermat li hija kienet biddlet l-indirizz minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment u bla ma biddlet l-indirizz tal-karta ta’ l-identita’ taghha izda dan ghamlitu biex zewgha u bintha ma jsirux jafu fejn marret tghix. Hija sahqet li kienet kostretta titlaq mid-dar u tmur tghix band’ohra minhabba persekuzzjoni minn bintha, liema agir wassalha biex anke prezentat kwerela kontra l-istess bintha. Di piu’ finanzjarjament marret aghar ghax fil-kiri ta’ residenza alternattiva hija qeghda thallas aktar minn dak li hija qeghda taqla mill-fond mikri lit-terzi;

vi. B’decizjoni tat-13 ta’ Awissu 2014, id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali kien informaha li rrizultalu li hija thallset zejjed is-somma ta’ Eur13,032.56 f’ghajnuna socjali li rceviet minghand id-Dipartiment bejn l-24 ta’ Marzu 2012 u l-1 t’Awissu 2014;

vii. Skont ftehim datat 1 t’Ottubru 2014, appartament gewwa San Pawl il-Bahar gie mikri lil Rita Nicolosi ghal sena, rinnovabbli bi qbil bejn il-partijiet firmatarji. Gew anke prezentati xi ricevuti ta’ hlasijiet ta’ kera mill-appellanti (llum appellata) ghal dan l-appartament;

viii. Gew prezentati wkoll “Maintenance Bill” li jkopri spejjez bejn Jannar u Dicembru 2014 u ricevuti ta’ hlas ta’ kera relatati mal-appartament ta’ San Pawl il-Bahar; kif ukoll ittra datata 10 ta’ Mejju 2014 minghand l-ex ragel ta’ Rita Nicolosi b’talba ghall-hlas tas-sehem dovut lilu mill-kera tal-fond ta’ Marsascala mikri lit-terzi minnha. Sar ukoll rapport mis-social worker tad-Dipartiment fl-1 ta’ Dicembru 2014 dwar il-kaz;

ix. Nicolosi pprezentat ukoll kopja ta’ kwerela kontra bintha datata 7 ta’ Lulju 2014.

B’decizjoni datata 24 ta’ April, 2015 (numru 147/2015), l-arbitru kkonkludiet li l-appell kellu jigi milqugh u d-decizjoni tad-Direttur kellha tigi revokata. Dan wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) A bazi ta’ nformazzjoni li kellu d-Direttur, kien gustifikat jikkonkludi li l-appellanti (appellata f’dan l-appell) biddlet ir-residenza minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment u li kienet qeghda tippercepixxi ntrojtu permezz ta’ kera tal-fond gja residenza taghha;

(b) Madankollu, u minkejja li l-appellanti zbaljat meta naqset li tinforma lid-Dipartiment,

[1] 40, “Vita” Triq l-Arzell, Marsaskala

il-bdil tar-residenza ma kinitx purament kapriccjuza izda necessitata minhabba cirkustanzi serji ta' theddid u fastidju kontinwu minn bint l-appellanti;

(c) Ghalkemm huwa minnu li li l-appellanti qeghda tippercepixxi introjtu mill-kera tal-fond gewwa Marsaskala, nofs dan l-ammont huwa dovut, u qieghed anke jigi mitlub minn zewgha;

(d) Fi kwalsiasi kaz, l-ispejjez relatati mar-residenza gdida li kienet kostretta tfittex l-appellanti huma oghla mill-introjtu ta' kera;

(e) Inoltre ma ngiebet ebda prova li l-appellanti mhijiex qed tghix wahedha gor-residenza l-gdida.

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali. L-appellata Rita Nicolosi wiegbet[2] u annettiet diversi dokumenti,: ftehim datat 1 t'Ottubru 2009 fejn appartament f'San Pawl il-Bahar gie mikri lilha[3], kif ukoll numru ta' ricevuti ghal hlas ta' kera u spejjez ohra relatati ma' dan l-appartament[4]. Dokumenti li kienu diga' gew prezentati fl-appell li sar quddiem l-Arbitru.

Fis-seduta tat-8 t'April 2016[5] saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti ta' dan il-kaz u l-atti tal-kaz konness fl-istess ismijiet fil-lista tal-lum – Appell numru: 23/2015.

**Preliminari.**

1. Waqt is-smigh tal-appell fit-8 t'April 2016, id-difensur tal-appellata talab lid-Dipartiment iressaq provi dwar meta rcieva d-decizjoni tal-arbitru peress li d-decizjoni nghatat fl-24 t'April 2015 filwaqt li r-rikors tal-appell gie prezentat fil-5 ta' Gunju 2015. Mid-dokumenti esibiti mid-Dipartiment[6] jirrizulta li huwa gie notifikat bid-decizjoni tal-arbitru fis-7 ta' Mejju 2015 u ghalhekk l-appell gie prezentat entro t-terminu ta' tletin jum a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap 12.

2. Ghal kull buon fini jigi rilevat li ghalkemm dan l-appell huwa konness mal-appell l-iehor Appell Nru 23/15, id-decizjonijiet appellati tad-Direttur ma kinux l-istess fiz-zewg proceduri. Id-decizjoni tad-Direttur mertu tal-appell odjern hi datata 13 t'Awissu 2014 u tirrigwarda rifuzjoni tal-ammonti ta' beneficcji socjali mhallsa lil Rita Nicolosi bejn l-2012 u l-2014 filwaqt li dik mertu tal-appell Appell Nru 23/15 hij datata 23 ta' Lulju 2014 u tirrigwarda l-fatt li l-beneficjarja m'ghadhiex aktar intitolata biex tinghata ghajnuna socjali. Id-decizjoni

[2] Fol 11 et seq.

[3] Fol 16 et seq.

[4] Fol 22 et seq

[5] Fol 66.

[6] Fol 67 et seq.

tal-arbitru mertu tal-appell odjern (Nru 147/15 quddiem l-Arbitru) inghatat b'mod identiku ghall-dik tal-kaz fl-Appell Nru 23/2015 (Nru 148/15 quddiem l-Arbitru) u fiha saret referenza biss ghad-decizjoni tad-Direttur tat-23 ta' Lulju 2014 u mhux ghal dik tat-13 t'Awissu 2014. F'kull kaz, in kwantu d-decizjoni tat-13 t'Awissu 2014 hi ntrinsikament konnessa u bazata fuq dik tat-23 ta' Lulju 2014, u a bazi tal-fatt li dan jidher li kien *lapsus calami*, il-Qorti tqis li fid-decizjoni tal-arbitru Nru 147/15 prezentament appellata, ir-referenza mill-arbitru ghad-decizjoni tad-Direttur tat-23 ta' Lulju 2014 tinkludi wkoll dik tat-13 t'Awissu 2014.

**L-Aggravju tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali: apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi prodotti.**

L-appellant jilmenta li l-arbitru ghamlet konkluzjoni zbaljata ghaliex il-provi juru car kif l-appellata kienet qeghda tircievi l-ghajnuna socjali fl-istess waqt li kienet qeghda tikri l-post li mad-Dipartiment iddikjarat li kien ir-residenza taghha u ghalhekk tircievi ntrojtu iehor apparti l-ghajnuna socjali. Kienet x'kienet ir-raguni wara l-agir tal-appellata, hi kienet obbligata li tottempra ruhha mal-artikolu 97 (1)(b) tal-Kap 318. Filwaqt li l-arbitru qalet li d-Direttur kien gustifikat li jasal ghad-decizjoni tieghu, ghaddiet biex tiskuza l-agir tal-appellata bhala wiehed motivat minn pressjoni u biza' anke jekk din kienet qeghda tircievi introjtu mill-kiri tal-fond in kwistjoni ad insaputa tad-Dipartiment. Id-decizjoni tal-arbitru ma kinitx skont il-ligi u l-ekwita'.

Id-decizjoni tal-Arbitru tat-13 ta' Awissu 2014 tghid hekk:

*"Inti gentilment infurmata li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' EUR 13,032.56 fil-GHAJNUNA SOCJALI li rcevejt minn dan id-Dipartiment kif jidher hawn that:*

| *PERJODU* | *AMMONT* | *BENEFICCJU* |
|---|---|---|
| *24/3/2012-1/08/2014* | *13,032* | *ARA ITTRA DATATA 23/7/14"* |

L-ittra hi dik meritu tal-appell 23/2015, deciz illum.

Fit-twegiba li pprezenta quddiem l-Arbitru (datata 7 ta' April 2015), l-appellant qal:

*"Illi fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Direttorat tal-Frodi u Invesitgazzjonijiet, kien irrizulta li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u/jew tabita fl-indirizz moghti minnha."*

Hu ghalhekk evidenti li t-talba ghar-rifuzjoni qeghda ssir ghall-istess raguni li tissemma fl-avviz tat-23 ta' Lulju 2014 li hi l-bazi tal-appell numru 23/2015.

Skond l-Artikolu 102(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):

*"Hlief kif provdut fl-artikolu 98(3), b'sehh mill-1 ta' April, 1978,* ***kull persuna li tkun irceviet xi somma bhala beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att li ma kellhiex dritt ghalih*** *skond id-*

*disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandha thallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li taghtih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan….."*

Il-qorti tosserva:

1. L-investigazzjoni li saret mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, kienet bazata biss fuq it-taghrif li ngabar minghand il-konjugi Catherall, li huma l-inkwilini tal-fond gewwa Marsascala u li kkonfermaw li jhallsu s-somma ta' €350 kera fix-xahar b'effett mill-20 ta' Marzu 2012.

2. Hu evidenti li qabel id-Direttur Generali ha d-decizjoni li l-appellata ghandha tirrifondi s-somma ta' €13,032, l-ispetturi u l-istess appellant ma baghatux ghaliha biex taghti l-verzjoni taghha. Dan minkejja dak li jipprovdi l-Artikolu 97 tal-Kap. 318.

3. Qabel l-appellant jordna li persuna li rceviet l-ghajnuna socjali tirrifondi lura l-flus li rceviet, ghandu jwettaq investigazzjoni li tkun kompluta u mhux half baked, kif inhu dan il-kaz. Qieghed jinghad hekk ghaliex mill-atti jirrizulta li fl-istess waqt li l-appellata kienet kriet id-dar lil terzi, hi stess kienet qeghda tikri appartament fejn thallas kera ta' €300 kull xahar. Kera li matul is-sena 2013 zdiedet ghal €330 fix-xahar. Dan apparti spejjez relatati ma' kontijiet ta' dawl, ilma u manutenzjoni tal-kondominju. Mill-provi li tressqu hu evidenti li mill-kera li tircievi minghand il-konjugi Catherall, jista' jinghad li l-appellata ma jibqala' xejn fil-but. Dan ovvjament apparti l-fatt li nofs il-kera li tithallas mill-konjugi Catherall, legalment tispetta lil Giuseppe Nicolosi. F'kull kaz mill-avviz tat-13 ta' Awissu 2014 u t-twegiba li l-appellant ipprezenta quddiem l-Arbitru, id-decizjoni tal-appellant li l-appellata ghandha tirrifondi lura l-beneficcji socjali li rceviet bejn l-24 ta' Marzu 2012 u l-1 ta' Awissu 2014, ma kinitx bazata fuq il-fatt li kellha ntrojtu iehor. M'ghandux ikun li fil-kors tal-appell l-appellant jipprova jiggustifika d-decizjoni b'ragunijiet godda li ma kinux issemmew fid-decizjoni li tkun qeghda tigi mistharrga waqt il-proceduri ta' appell.

4. Id-decizjoni tad-Direttur kienet bazata fuq il-fatt li l-appellata bidlet l-indirizz tad-dar u/jew li ma baqghetx tifforma familja ghal rasha. M'hemm l-ebda prova li meta l-appellata telqet mid-dar ta' Marsascala, ma baqghetx tifforma familja ghal rasha. L-appellat ma jista **qatt** jibbaza decizjoni fuq fatt li dwaru m'hemmx provi. L-appellat ma spjegax x'kienet ir-raguni biex jasal ghal dik il-konkluzjoni. Jista' forsi jkun ghaliex l-indirizz tal-appellata fuq il-karta tal-identita kien ghadu jidher fid-dar ta' Marsascala, fejn hemm registrati wkoll l-inkwilin. Jekk dik kienet ir-raguni mill-provi rrizulta li bhala stat ta' fatt, fil-perjodu in kwistjoni, l-appellata ma kinitx qeghda tghix fid-dar ta' Marsascala. Ghal dak li jirrigwarda r-raguni l-ohra li l-appellata bidlet l-fond residenzjali taghha u ma nfurmatx lid-Dipartiment, il-qorti ma tarax kif dan il-fatt wahdu jista' jkun raguni valida ghalfejn persuna ghandha tigi mgieghla tirrifondi lura beneficcji socjali li tkun irceviet minghand id-Dipartiment. Il-qorti temmen li l-appellata kellha dmir li

tgharraf lid-Dipartiment bil-bdil ta’ ndirizz. Pero’ l-ghoti tal-beneficcju ma kienx jiddependi mill-fatt li l-appellata kienet qeghda tghix fil-fond ta’ Marsascala. Tant hu hekk li jidher li l-appellata xorta regghet bdiet tinghata l-ghajnuna socjali.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.